# Il-Pulptu tal-knisja tagħna

kitba ta' Joe G. Debono

Fit-13 ta' Ottubru 1962, il-Papa Ġwanni XXIII fetaħ formalment il-Konċilju Vatikan II, konċilju li l-għan prinċipali tiegħu kien l-ekumenismu, iżda ġab miegħu bidliet oħra fil-knisja. Il-liturġija ġiet riformata b'mod qawwi. Ingħatat importanza lil-lingwa mitkellma u sar tibdil fil-quddiesa billi żdiedet ħafna l-importanza tal-*Kelma*.


Il-pulptu mill-qrib.

Min hu ta' ċerta età jiftakar il-quddiesa kif kienet qabel il-konċilju. Din kienet titqaddes bil-latin. Is-saċerdot kien iqaddes dahru lejn in-nies u jagħmel kollox hu: jaqra l-*epistola* (l-ewwel qari) in-naħa tal-lemin tal-artal u jaqra l-evanġelu (it-tieni qari) in-naħa tax-xellug tal-artal. Il-konsagrazzjoni kienet issir fin-nofs tal-artal u l-aħħar evanġelju (il-bidu tal-evanġelu ta' San Ġwann) kien jinqara mix-xellug tal-artal. Il-fidili kienu jattendu b'mod passiv u biex ipattu għal din il-passività kienu jinfexxu jgħidu r-rużarju u talb ieħor.

Sa qabel il-konċilju, il-presbiterju kien wieħed vojt. Ma kienx hemm la ambone u lanqas sedja għaliex il-qassis kien jibqa' bilwieqfa tul il-quddiesa kollha. F'okkażjonijiet speċjali, meta l-quddiesa kienet tkun solenni, jew kif kienu jsejħulha kantata, kien jitpoġġa fuq il-presbiterju bank li fuqu kienu joqogħdu ċ-ċelebrant, id-djaknu u s-sud-djaknu waqt il-qari tal-evanġelju u l-prietki. Dawn kienu jsiru minn fuq il-pulptu. Dan kien speċi ta' palk żgħir mal-ewwel pilastru tal-korsija n-naħa tax-xellug tal-artal.

Meta nbniet il-knisja tagħna, fl-ewwel kwart tas-seklu sbatax, inħaseb biex isiru speċi ta' żewġ galleriji tal-ġebel waħda kull naħa mal-ewwel żewġ pilastri tal-korsija u allura nistgħu ngħidu li kien hemm żewġ pulpti. Dan jirrapurtah l-Isqof Cagliares fil-visita tiegħu tal-1627. Minn dawn il-gallerijiet kienu jinqraw l-*epistola* (minn dak tal-lemin) u l-Evanġelu (minn dak tax-xellug). Kienu jintlaħqu minn turġien li kienu mibnija fil-ħxuna tal-pilastri u kellhom il-bibien tagħhom wieħed fil-kappella ta' San Anard, fejn illum insibu l-inkwatru ta' San Vinċenz Ferreri u l-ieħor fil-kappella ta' San Franġisk ta' Paola, fejn illum hemm l-inkwatru ta' Sant'Andrija[1].

Fl-ewwel kwart tas-seklu tmintax il-knisja għaddiet minn taqliba kbira. Kien iż-żmien li bdew jinbnew knejjes bi stil barokk u t-Tarxiniżi ddeċidew li jibdlu l-bixra tal-knisja tagħhom minn waħda manjeristika għal waħda barokka skont il-moda[2]. Jidher li waqt il-venja, minbarra li l-knisja tkabbret billi ttawlu l-kor, il-korsija u l-kappelluni u saru saqaf ġdid u koppla ġdida, sar ukoll xi tibdil ieħor[3]. Insibu li l-galleriji imsemmija aktar 'il fuq ma jissemmewx aktar fiż-żjajjar pastorali. Wieħed jista' jissoponi li flok dawn inħadem pulptu tal-injam. Dan huwa msaħħaħ mill-fatt li fl-atti tan-nutar Franceso Glison insibu li fid-9 ta' Frar 1769 l-aħwa Giuseppe u Cosimo Scolaro tħallsu mingħand Dun Vittorio Bianco s-somma ta' 75 skud dovuti lilhom għal skultura ta' pulptu fil-knisja parrokkjali ta' Ħal Tarxien.

Dan il-ħlas sar f'isem il-prokuraturi Angelo Zammit u Ignazio Caruana[4].

Dik il-ħabta l-aħwa Scolaro kellhom kummissjonijiet oħra fil-knisja tagħna. Fl-1775 nbeda x-xogħol fuq l-artal maġġur u Cosimo ġie kkummissjonat biex jaħdem għalih it-tiżjin bl-iskultura[5] li għadna ngawdu sal-lum.

Maż-żmien il-pulptu għadda minn tibdil. Jista' jkun li għall-ewwel it-taraġ ta' ġol-pilastru nżamm biex ikun hemm aċċess għall-pulptu. Qiegħed ngħid hekk għax fl-1778 nsibu li saru tiswijiet fil-pilastru tal-pulptu[6]. Jidher li wara dan l-intervent saru xogħlijiet oħra fuq il-pulptu. F'Ottubru tal-1780 sar xogħol fuq is-salib u fl-1792 inħadem xi forma ta' ċelu għal fuqu għax ċertu Pinazzo Micallef tħallas għal xi ħadid li pprovda għal dan iċ-ċelu[7] u tħallsu 2 skudi għaċ-ċelu nnifsu[8]. Forsi t-Tarxiniżi ppruvaw jimitaw pulpti oħra li kienu saru bi speċi ta' saqaf fuqhom. Ftit wara, fl-1793, jidher li ma baqax jintuża t-taraġ ta' ġol-ħajt għaliex ċertu *Mastru Alessandro* ħa 5 skudi talli llostra t-taraġ tal-pulptu[9]. Dan jagħti wieħed x'jifhem li kien sar taraġ tal-injam.

Kważi tmenin sena wara nsibu li sar kurċifiss ġdid għal fuq il-pulptu. Dan għamlu Carlo Darmanin fl-1872 u qam 10 skudi[10]. Il-pulptu baqa' jintuża u wara 133 sena nħass il-bżonn li jinbidel it-taraġ. Fl-1926 saret talba biex isir taraġ ġdid. It-talba ntlaqgħet u Emmanuel Buħagiar ġie msejjaħ biex jaħdem taraġ ġdid komplut bil-poġġaman. Dan qam 20 lira u nofs u tħallas fis-26 ta' Diċembru 1932[11]. Il-poġġaman kien imżewwaq b'virgi tal-bronz li swew 7 liri[12].

Minn dan t'hawn fuq jidher ċar li l-pulptu wkoll għandu storja xi jgħid. Nistgħu ngħidu li l-ħajja pubblika tiegħu ntemmet mar-riforma fil-quddies. L-ambone ħadlu postu. L-amministazzjoni tal-knisja tagħna għażlet li tneħħi l-pulptu u dan illum jinsab konservat fl-entratura tas-sala ta' Dar Nazaret. Naħseb dawk li jarawh hemm ftit jiġihom f'moħħhom kemm għamel żmien jiddomina l-korsija tal-knisja tagħna u kemm predikaturi famużi telgħu fuqu biex jagħmlu paniġierki fil-festi prinċipali fosthom dik titulari. Il- famuża prietka tradizzjonali tat-tifel li ssir fil-lejl tal-Milied ukoll kienet issir minn fuq il-pulptu u naħseb li għad hawn irġiel li meta kienu tfal, għalkemm mhux oraturi famużi, darba telgħu fuq il-pulptu u ħabbru l-ferħ tal-Milied lill-miġemgħa.

**Referenzi**

1 V. Borg – Il-Knisja Parrokkjali ta' Ħal Tarxien 1610 – 2010 p.14
2 Ara V. Borg – Il-Knisja Parrokkjali ta' Ħal Tarxien 1610 – 2010
3 Għat-tibdil kollu ara – 'Il-Knisja Parrokkjali ta' Ħal Tarxien 1610 – 2010' pjanta A p.15 u pjanta E p.34
4 Dr John Debono – 'Il-vara titulari ta' Ħal Luqa u l-iskultur tagħha', Leħen il-parroċċa Ħal Luqa, ħarġa Lulju/Awwissu 2005 - ħarġa speċjali.
5 Ark. Barbara, Vol 24, 'Storja tal-Fundazzjoni Barbara, Tarxien 1759-1959', p.41
6 Ark Parr. Libro d'Esito Vda Lampada 1773-1839 p.42
7 Ark Parr. Libro d'Esito Vda Lampada 1773-1839 p.54
8 Ibid.
9 Ibid p.61
10 Ark Parr. – Libro degli esiti appartienente alla chiesa parrocchiale Tarxien 1839-1881 p.359
11 Ark. Parr. – Introito ed esito Vda Lampada – Tarxien p.481
12 Ibid. p.48



Dehra ġenerali tal-korsija tal-knisja bil-pulptu prominenti mal-ewwel pilastru. Ritratt meħud fl-1949 waqt il-miġja tal-Madonna ta' Fatima fil-parroċċa.